

Brussell, 21 ta' Frar 2022
(OR. en)

6255/22

COPS 63
POLMIL 30
EUMC 46
CFSP/PESC 164
CSDP/PSDC 65
COAFR 53
POLMAR 14

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6075/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Majjistral tal-Oċean Indjan

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Frar 2022.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI
TAL-KUNĊETT TA' PREŻENZI MARITTIMI KOORDINATI
FIL-MAJJISTRAL TAL-OĊEAN INDJAN**

1. Il-Kunsill jidentifika s-sigurtà marittima bħala wieħed mill-oqsma ewlenin għal impenn aktar profund mill-UE u jistabbilixxi għadd ta' prioritajiet rigward il-kooperazzjoni fis-sigurtà tal-UE. Fil-kuntest ta' sfidi sinifikanti għad-dimensjoni marittima tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jissaħħa aktar ir-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali, qrib tagħha u lil hinn minnha. Dan ser jikkontribwixxi għall-promozzjoni tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS, għad-difiża tal-interessi tal-UE u r-rispett tal-libertajiet tal-ibħra internazzjonali, inkluż il-libertà tan-navigazzjoni.
2. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' April 2021 dwar Strateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, u jafferma mill-ġdid l-importanza strateġika tar-reġjun, kif ukoll il-ħtieġa għal preżenza navali Ewropea sinifikanti f'din iż-żona. Permezz tal-Istrateġija tagħha fl-Indo-Paċifiku, l-UE għandha l-għan li ssaħħa il-fokus u l-azzjonijiet strateġiċi tagħha fir-reġjun bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tiegħu, abbażi tal-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li titkompla l-promozzjoni ta' arkitettura ta' sigurtà reġjonali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli fir-reġjun Indo-Paċifiku, inkluż linji ta' komunikazzjoni siguri tal-baħar u preżenza navali msaħħa kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' Settembru 2021 dwar Strateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, appoġġata mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2021.
3. Il-Kunsill jissottolinja li l-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP) jikkontribwixxi għas-sigurtà marittima bħala parti mill-Approċċ Integrat tal-UE u wera li huwa strument effettiv u utli, b'mod partikolari fir-rigward tal-ottimizzazzjoni tal-użu tal-assi navali tal-Istati Membri tal-UE skjerati taħt il-linja ta' kmand nazzjonali tagħhom sabiex tissaħħa id-diplomazija marittima tal-UE.

4. F'dan il-kuntest, u b'kont meħud tat-tagħlimiet rilevanti meħuda mill-Każ pilota tas-CMP fil-Golf tal-Guinea, il-Kunsill b'dan iniedi l-implimentazzjoni tal-kunċett tas-CMP fil-Majjistral tal-Oċean Indjan (NWIO), billi jistabbilixxi Żona ta' Interess Marittimu (MAI) li tkopri ż-żona marittima mill-Istrett ta' Hormuz sat-Tropiku tan-Nofsinhar u mit-tramuntana tal-Baħar l-Aħmar lejn iċ-ċentru tal-Oċean Indjan. L-implimentazzjoni tiegħu ser tikkomplementa kemm l-attivitajiet tal-UE kif ukoll dawk tal-Istati Membri fir-reġjun, filwaqt li tirrispetta l-mandat u l-linja ta' kmand tal-Operazzjoni ATALANTA, u ser tippermetti sinerġiji mtejba mal-istrumenti u l-programmi rilevanti tal-UE, f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE. F'dan il-qafas, ser tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni mas-sħab, inkluż billi twettaq eżerċizzji marittimi konġunti u waqfiet f'portijiet, u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari billi tagħmel l-aħjar użu mis-sistema tas-Sorveljanza Marittima (MARSUR) u taċ-Ċellula ta' Koordinazzjoni ta' Żoni ta' Interess Marittimu (MAICC).
5. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' r-rwol tal-MAICC fi ħdan is-SEAE fil-faċilitazzjoni effettiva tal-koordinazzjoni tal-preżenzi tal-assi navali tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll fil-bini ta' għarfien tas-sitwazzjoni marittima rilevanti għall-UE u l-Istati Membri tagħha billi jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà marittima permezz tal-proġett MARSUR. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pjattaformi u oqfsa ġodda ta' skambju ta' data, utli għall-implimentazzjoni tas-CMP, u b'hekk jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà marittima. Il-Kunsill jagħraf ukoll il-ħtieġa li jinħatar Kap Koordinatur tal-UE dedikat għas-sigurtà marittima fl-NWIO li t-termini ta' referenza tiegħu ser jiġu definiti ulterjorment, u li, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-KPS, ser jiffaċilita l-koerenza ġenerali tal-attivitajiet tal-atturi tal-UE u l-koordinazzjoni bejniethom, kif ukoll l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sħubiji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija marittima.

6. Abbażi tal-Istrateġija tal-UE fl-Indo-Paċifiku u l-Istrateġija għall-Qarn tal-Afrika, wara s-Summit bejn l-UE u l-UA, u lejlet il-Forum Ministerjali għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, il-Kunsill jappella għall-iżvilupp ta' approċċ ġenerali koerenti għall-Oċean Indjan, mibni madwar kunċett ta' kooperazzjoni inklużiva mas-sħab tagħna fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja. Fil-kuntest ta' Strateġija aġġornata tal-UE dwar is-Sigurtà Marittima u l-pjan ta' azzjoni tagħha, il-Kunsill iqis ukoll li għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni marittima mas-sħab internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari l-Forzi Marittimi Kombinati (CMF). Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza li jkun hemm adeżjoni lokali tal-Istati Kostali.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol li ilu fis-seħħ u dejjem jikber tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima fl-NWIO, b'mod partikolari permezz tal-Forza Navali tal-UE fis-Somalja (Operazzjoni ATALANTA). Il-preżenzi u l-inizjattivi navali eżistenti tal-UE fl-NWIO jgħolqu spazju għal involviment akbar tal-UE lil hinn mill-kosta mal-organizzazzjonijiet reġjonali u l-Istati Kostali, u jikkostitwixxu pedament tal-approċċ tal-UE għall-inizjattivi internazzjonali fl-Oċean Indjan u pjattaforma għall-kooperazzjoni kemm fil-Baħar l-Aħmar kif ukoll fil-Punent tal-Oċean Indjan. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni li s-CMP fl-NWIO ser ikun komplementari għall-Operazzjoni ATALANTA.
8. Barra minn hekk, b'segwitu għall-kooperazzjoni mal-Operazzjoni ATALANTA li tibqa' kruċjali, kif ukoll attivitajiet oħra tal-PSDK fir-reġjun, il-Kunsill jappella għal koordinazzjoni u kooperazzjoni msaħħa mal-inizjattiva ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni Marittima mmexxija mill-Ewropa fl-istrett ta' Hormuz (EMASoH), filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-mandat separat u l-attività operazzjonali tagħha, li tikkontribwixxi fost l-oħrajn għal ambjent tan-navigazzjoni aktar sikur, il-libertà tan-navigazzjoni u t-tnaqqis tat-tensjoni.
9. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' arkitettura tas-sigurtà marittima reġjonali abbażi tal-istabbiliment ta' arranġamenti internazzjonali biex jiġi żgurat qafas legali kondiviż għall-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà marittima fil-perijodu medju, b'mod partikolari permezz tal-estensjoni ta' arranġamenti diġà eżistenti lil hinn mill-piraterija għat-traffikar tad-drogi u l-kuntrabandu tal-armi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC).

10. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li ssir ħidma, f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE, ma', fost l-oħrajn, pjattaformi u proġetti bħall-proġett tat-"*Titjib tal-Kooperazzjoni fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja*" (ESIWA), u mal-proġett tar-"*Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċean Indjan*" (CRIMARIO II). Barra minn hekk, dan jinkludi l-*Programm għas-Sigurtà Marittima għar-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar*, il-*Programm ta' Sigurtà Marittima (MASE)*, kif ukoll iċ-Ċentru Reġjonali ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet (RCOC), filwaqt li jaħdem mill-qrib ma' fora ewlenin relatati mas-sigurtà fir-reġjun bħas-Simpożju Navali tal-Oċean Indjan.
11. Filwaqt li jibni fuq dawn l-inizjattivi, u biex itejjeb aktar il-koerenza ġenerali tal-azzjoni tal-UE fir-reġjun, il-Kunsill:
- jistabbilixxi l-Majjistral tal-Oċean Indjan (NWIO) bħala MAI;
 - ser jiżgura kontroll politiku u jipprovdi gwida strateġika għall-implimentazzjoni tal-kunċett tas-CMP fl-NWIO permezz tal-KPS, b'mod partikolari għall-validazzjoni ta' pjan ta' implimentazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' Pjan StratCom, kif ukoll Termini ta' Referenza għall-Kap Koordinatur tal-UE;
 - ser jerġa' lura għall-kunċett tas-CMP fl-NWIO sa mhux aktar tard minn Frar 2024;
 - ser iqis il-possibbiltà li l-kunċett tas-CMP jiġi applikat f'MAIs potenzjali oħra.